## 21 ta' Mejju, 1955

### Imħallef:
### Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Loreto Borg

**Provi — Awto-Inkolpazzjoni — Board tal-Kera.**

*Il-fatt li wieħed jaċċetta dikjarazzjoni kuntrarja għalih, magħmula minn ħaddieħor fil-preżenza tiegħu jew fejn hu jista' jismagħha, mingħajr ma jgħid xejn, jikkostitwixxi* ***awto-inkolpazzjoni****, apparti minn kull prova oħra.*

*Il-proċeduri tal-Qorti ma għandhomx jiġu vjolentati, biex fil-pajjiż ma jiġux preġudikati l-bwon ordni u s-sikurezza.*

*Għaldaqstant, ir-reat ta' min isawwat lil sid il-kera tiegħu sempliċement għax dan ipprevalixxa ruħu mill-jedd li tagħtieh il-liġi biex iżid il-kera, u b'hekk jintimidixxi lis-sid bi vjolenza fiżika, u dippjù dan jagħmlu fl-okkażjoni ta' l-aċċess li jagħmlu l-membri tekniċi tal-Board tal-Kera biex jispezzjonaw il-fond, jikkostitwixxi "criminal contempt" ferm gravi.*

*Fil-każ preżenti, il-Qorti tal-Appell, wara li osservat li aġir simili ta' litigant hu ħaġa serja ħafna, affermat illi, kieku kien permess ritwalment illi, f'appell tal-imputat, tiġi awmentata l-piena, ma kienetx tonqos li tawmenta l-piena afflitta mill-Maġistrat.*

B'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, dan Borg ġie misjub ħati talli f'Ħaż-Żebbuġ, fil-5 ta' Jannar, 1955, f'xi l-erbgħa u kwart ta' wara nofs inhar, waqt Board tal-Kera (recte aċċess tal-Board tal-Kera) li kien qed isir mill-inġinieri tal-Board fid-dar Trieq Vassalli, Ħaż-Żebbuġ, ripetutament sawwat lis-sid ta' l-imsemmija dar James Micallef, u għamillu feriti ta' natura ħafifa; u ġie kundannat għall-piena tal-priġunerija għal żmien tmien tijiem;

L-imputat appella;

Il-Qorti hi soddisfatta mill-kumpless tal-provi li l-appellant sawwat lil Micallef immedjatament wara li ġie magħluq l-aċċess tal-Board tal-Kera, anzi proprju fil-waqt li l-periti tal-Board kienu ħerġin ......;

L-appellant jgħid li mhux hu sawwtu, iżda missieru Salvu Borg. Micallef xehed li sawwtuh it-tnejn ......... Quddiem is-Surġent Pullicino l-appellant ċaħad; iżda meta missieru, fil-preżenza ta' l-appellant, qal lis-Surġent "Mhux jien sawwattu, imma t-tifel Luretu", dan ħares ċass lejn missieru, baxxa rasu, u ma qal xejn. Infatti, hu ammess li tikkostitwixxi awto-inkolpazzjoni "the acceptance of another's statement. Accordingly, statements made in the presence or hearing of a person are admissible against him if made upon an occasion on which he might reasonably be expected to make some observation, explanation or denial, and if and in so far as he has accepted the statement so as to make it in effect his own. He may accept by words, conduct or demeanour ......... if the circumstances demanded an answer, silence may amount to an acceptance ........." (Harris and Wilshere, Crim. Law, 15th Edit., p. 435). Il-każ preżenti jissodisfa dawn il-prinċipji dottrinali;

F'din is-sedi, l-appellant u missieru ttantaw jarkitettaw trukk li hu wisq banali biex jimmerita aktar minn komment qasir. Il-missier, li peress li ma appellax sar produċibbli bħala xhud, issa kkapovolġa l-atteġġjament tiegħu, u qal li kien hu, mhux ibnu, li sawwat lil Micallef. L-inverosimiljanza tax-xhieda tiegħu u ta' l-appellant, u l-provi l-oħra, ineħħu kull speranza li b'dan ir-ripjeg setgħet tiġi żvijata l-ġustizzja; basta dire li .........;

Issemmiet fid-dibattitu l-piena. L-Imħallef sedenti ma jeżitax jgħid, bħala li jippresjedi Qorti regolatriċi, li, kieku ritwalment kien permess awment ta' piena fl-appell, ma kienx jonqos li jawmentaha; għax hi ħaġa serja ferm li litigant, sempliċement għax persuna oħra ipprevaliet ruħha mill-jedd li tagħtiha l-liġi biex iżżid il-kera, tipprova tintimidiha bi vjolenza fiżika — forma ta' "criminal contempt" ferm gravi, kif jista' wieħed jara fit-test "Oswald on Contempt", "Committal and Attachment", "passim". Jeħtieġ li kulħadd jifhem li l-proċeduri tal-Qorti ma għandhomx jiġu vjolentati, biex fil-pajjiż ma jiġux preġudikati l-bwon ordni u s-sikurezza;

Ghalhekk tiddeċidi;
Billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.